Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

27 ta' Novembru, 2009

# ATT Nru. XVIII tal-2009

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati , imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2009 li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Immigrazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 217.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni jista', b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 22 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

"Rikonoxximent reċiproku għall-ordnijiet ta' tkeċċija.

23. (1) L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jirrikonoxxi deċiżjoni ta' tkeċċija maħruġa minn Stat Membru ieħor li tkun f'konformità mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tad-Deċiżjonijiet dwar it-Tkeċċija ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz, u jieħu dawk il-miżuri neċessarji biex jeżegwixxi dik id-deċiżjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għad-deċiżjonijiet ta' tkeċċija li ma ġewx imħassra mill-Istat Membru emittenti, fir-rigward ta':

(a) ċittadin ta' pajjiż terz, li t-tkeċċija tiegħu hija bbażata fuq theddida gravi u preżenti għall-ordni pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali, meħuda fil-każijiet li ġejjin:

(i) kundanna fl-Istat Membru emittenti, għal reat li għalih hemm piena li tinvolvi privazzjoni ta' libertà mill-anqas ta' sena;

(ii) l-eżistenza ta' raġunijiet serji biex wieħed jikkonkludi li ċittadin ta' pajjiż terz ikkommetta reati kriminali serji, jew l-eżistenza ta' prova solida tal-intenzjoni tiegħu li jikkommetti dawk ir-reati fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(b) ċittadin ta' pajjiż terz li huwa s-suġġett ta' deċiżjoni ta' tkeċċija bbażata fuq in-nuqqas ta' ħarsien tar-regoli nazzjonali dwar id-dħul jew ir-residenza tal-barranin.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għall-membri tal-familja ta' persuni li eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu skont id-disposizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-leġislazzjoni Maltija.

(4) Ċittadin ta' pajjiż terz li kontrih ħarġet deċiżjoni ta' tkeċċija kif provdut fis-subartikolu (2), jista' jiġi arrestat mingħajr mandat mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jew minn xi uffiċjal tal-Pulizija u filwaqt li jkun qed jinżamm hekk arrestat għandu jitqies li jkun taħt kustodja legali.

(5) Ebda deċizjoni ta' tkeċċija maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jew mill-awtorità amministrattiva kompetenti ta' l-Istat Membru m'għandha tiġi mfixkla minħabba f'xi mandat maħruġ skont il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(6) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 14 u 25A għandhom japplikaw għall-ordnijiet ta' tkeċċija u l-infurzar tal-ordnijiet ta' tkeċċija meħuda kontra ċittadini ta' pajjiżi terzi.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 170 tal-24 ta' Novembru, 2009.

LOUIS GALEA
*Speaker*

PAULINE ABELA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*